MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 252/2015

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Philip FARRUGIA [ID 437160M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-27 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' disa mija tnejn u ghoxrin euro u tmienja u tletin centezmi ta' euro [€922.38c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa mija u tnejn u ghoxrin ewro u tmienja u tletin centezmi (€922.38) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C80004025 moghtija mis-socjeta attrici skont l-

annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu ntavolata fl-20 ta’ Mejju, 2015 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“1. Illi in linea preliminari, t-talba attrici ghal hlas ta’ l-ammont pretiz ta’ disa mija tnejn u ghoxrin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€922.38) mis-sena elfejn u sebgha (2007) sal-hdax ta’ Mejju elfejn u ghaxra (11/05/2010) hija preskritta bit-trapass ta’ hames (5) snin ai termini ta’ l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi l-ahhar pagament mill-esponent favur is-socjeta attrici fil-fatt sar fil-hdax ta’ Mejju elfejn u ghaxra (11/05/2010);

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, hemm ammissjoni in kwantu ghall-ammont dovut mis-sena elfejn u ghaxra (2010) sas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-ammont ta’ tminn mija disgha u sebghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€879.28);

4. Illi fil-prezent l-esponent m'ghandux biex jissalda l-imsemmija ammont f'daqqa pero dispost illi jhallas l-ammont fuq imsemmi f'rati mensili;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici"

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-24 ta' Gunju, 2015 u li permezz taghha iddikjarat li l-ammont reklamat huwa ta' seba mija tnejn u sebghin euro u tmienja u tletin centezmi ta' euro (€772.38).

Ra n-nota ta' ammissjoni tal-intimat imressqa fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' disa mija tnejn u ghoxrin euro u tmienja u tletin

centezmi ta’ euro [€922.38c] in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru A/C80004025.

Ikkunsidra;

2. Is-socjeta rikorrenti resqet nota ta’ riduzzjoni fis-seduta tal-24 ta’ Gunju, 2015 u li permezz taghha ddikjarat li l-ammont reklamat minnu ghandu jkun ta’ seba mija tnejn u sebghin euro u tmienja u tletin centezmi ta’ euro (€772.38).

3. L-intimat ressaq nota ta’ ammissjoni ghal dan l-ammont imsemmi fil-paragrafu precedenti fis-seduta ta’ l-24 ta’ Gunju, 2015.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista ta’ din l-ammissjoni da parti ta’ l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat, kif ridott, huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat lis-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat inkluz dik tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

i. jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimat a tenur ta’ l-artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

ii. jichad l-eccezzjonijiet l-ohra in kwantu dawn huma inkompatibli ma dak hawn fuq deciz;

iii. jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif ridotta permezz tan-nota taghha minnha mressqa fl-24 ta’ Gunju, 2015; u konsegwentement

iv. jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ seba mija tnejn u sebghin euro u tmienja u tletin centezmi ta’ euro [€772.38] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimat u ghal fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimat fl-ammont ta’ hamsin euro (€50) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta’ Lulju, 2015. F’kaz li l-intimat jonqos milli jhallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------